MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 248/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta’ Lulju, 2006 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti kienu ngħaqdu fiż-żwieġ bir-rit kattoliku fis-sitta u għoxrin (26) ta’ Ottubru, tas-sena elf,

disa' mija u tmenin (1980) fil-Parroċċa ta' San Pietru, Birżebbuġa, u dana skond kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. "A".

2. Illi sussegwentement il-kontendenti ngħaqdu fiż-żwieġ ċivilment fl-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u wieħed u tmenin (1981), u dana skond kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. "B".

3. Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti kellhom tlett itfal li jisimhomX, Y u Z, illum kollha maggiorenni.

4. Illi l-partijiet isseparaw legalment minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Ruben Casingena tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005), kopa vera ta' liema kuntratt qed jiġi anness u mmarkat bħala Dok. "C".

5. Illi l-kontendenti kienu daħlu għal dan iż-żwieġ mingħajr ebda preparazzjoni serja ta' xejn u difatti huma żżewġu minħabba li l-attriċi kienet inqabdet tqila.

6. Illi, *in oltre*, fid-data tat-tieġ il-kontendenti kienu għadhom żgħar ħafna tant li meta sar iż-żwieġ bir-rit kattoliku l-attriċi kienet għad lanqas biss għandha sittax-il sena u meta sar iż-żwieġ bir-rit ċivili kienet għadha tagħlaqhom filwaqt li l-konvenut kellu biss għoxrin sena.

7. Illi għalkemm il-kontendenti kienu rrealizzaw mal-ewwel li ma kinux lesti li jgħixu ħajja miżżewġa ma' xulxin huma kienu ddeċidew li jibqgħu magħquda minħabba li kienu ġew l-ulied kmieni fiż-żwieġ.

8. Illi fil-fatt meta t-tfal kienu kibru u mmaturaw daqsxejn,

il-kontendenti ddeċidew li ma setgħux jibqgħu jgħixu aktar flimkien taħt l-istess saqaf u għaddew għas-separazzjoni legali.

9. Illi għalhekk il-kunsens taż-żewġ partijiet jew min minnhom fil-mument taż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ u dana ai termini tal-artikoli 19(1)(d) Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Illi *inoltre* il-kunsens taż-żewġ kontendenti jew min minnhom kien fil-mument taż-żwieġ innifsu vvizjat stante li nkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ u dana ai termini tal-artikoli 19(1)(f) Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. Illi għalhekk iż-żwieġ ikkontrattat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Settembru tas-sena 1981 huwa null u bla effett fil-liġi.

Għalhekk jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna;

1. tiddikjara li ż-żwieġ li sar bejn il-kontendenti fl-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u wieħed u tmenin (1981) huwa null u bla effett a tenur ta' l-artikolu 19 subartikolu 1(d) u 1(f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħti dawk il-provvedimenti kollha meħtieġa li jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut li huwa nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut naqas li jippreżenta risposta ġuramentata u għalhekk huwa kontumaċji skond il-liġi.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' Ottubru, 1980 a bażi tal-Artiklu 19(1) (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut huwa kontumaċji għaliex ma ppreżentax eċċezzjonijiet, iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikli ċitati mill-attriċi jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-

drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Mill-provi mressqa mill-attriċi jidher ċar illi ż-żwieġ sar fuq pressjoni li saritilha wara li hija ħarġet tqila ta' ħmistax-il sena. Apparti li l-provi jidhru konvinċenti din hija verżjoni kredibbli ħafna meta wieħed iqis li ż-żwieġ sar fl-1980 u allura fi żmien meta tqala barra miż-żwieġ kienet ikkonsidrata b'mod differenti mil-llum. L-uniku kwesit hija għaliex l-attriċi stenniet daqshekk biex tagħmel din it-talba u wara l-partijiet kellhom ukoll tfal oħrajn. Madankollu li persuna tiżżewweġ ta' sittax-il sena għalkemm legalment possibbli żgur mhux xi ħaġa desiderabbli jew ta' min jinkoraġġiha. Għalhekk it-talba attriċi hija ampjament ippruvata ai termini tas-subartikoli (d) fuq imsemmija għalkemm ma jidhirx li jirrikorru l-estremi l-oħra.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fl-10 ta' Settembru, 1981. L-ispejjeż jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------